



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11565/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0279(NLE)

COEST 203
WTO 201

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Awwissu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 492 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Koperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 492 final.

Mehmuż: COM(2021) 492 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.8.2021
COM(2021) 492 final

2021/0279 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Koperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għall-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni Nru XX/2020 dwar l-estensjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE l-Ażerbajġan għall-2021-2027.

2. KUNTEST

2.1. Il-Ftehim

Il-Ftehim għandu l-għan li jipprovdi qafas għal dialogu politiku u kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tal-Ażerbajġan ("il-Partijiet") biex jiżviluppaw relazzjonijiet politiċi. Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.

2.2. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jeżamina kull kwistjoni magħguri li tinqala' fil-kuntest tal-Ftehim u kull kwistjoni bilaterali jew internazzjonali li tkun ta' interess reċiproku għall-finijiet tal-kisba tal-oġġettivi ta' dan il-Ftehim. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa, bi qbil bejn il-Partijiet. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jikkonsisti minn membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u membri tal-Kummissjoni Ewropea, minn naħa, u minn membri tal-Gvern tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra. Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu r-regoli tiegħu ta' proċedura.

2.3. L-Att tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu jadotta permezz ta' proċedura bil-miktub Rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija (2018-2020) għall-2021-2027 ("l-Att").

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni hija bbażata fuq ir-Rakkomandazzjoni annessa ma' din id-Deċiżjoni.

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija għadhom jilhqgħu l-oġġettivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta kif ukoll l-oġġettivi tas-Sħubija tal-Lvant. Huma ser jiggwidaw l-ipprogrammar pluriennali tal-kooperazzjoni finanzjarja tal-UE mal-Ażerbajġan.

Il-Partijiet ikkonfermaw li l-Prijoritajiet tas-Sħubija jibqgħu bażi valida għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħhom kif ukoll l-impenn sħiħ tagħhom għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet.

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija 2018-2020 għadhom jikkostitwixxu l-bażi tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ażerbajġan għall-2021-2027.

L-estensjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija hija fl-interess tal-Unjoni.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”*.

Il-kunċett ta’ *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”¹*.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kunsill ta’ Kooperazzjoni huwa korp stabbilit mill-Ftehim.

L-Att li l-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b’effetti legali. L-Att għandu l-possibbiltà li jinfluwenza b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri l-ipprogrammar pluriennali tal-kooperazzjoni finanzjarja taħt il-qafas ta’ appoġġ uniku. Dan minħabba li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat² jipprevedi li għal pajjiżi li għalihom ikunu jeżistu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(2) tal-istess Regolament, għandu jiġi adottat qafas ta’ appoġġ pluriennali komprensiv skont il-proċedura tal-eżaminar imsemmija fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 236/2014³. Tali dokumenti għandhom ikunu pjanijiet ta’ azzjoni jew dokumenti ekwivalenti oħra miftiehma b’mod konġunt, bħal Prijoritajiet tas-Sħubija.

L-Att la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għal din id-Deċiżjoni hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi fuq l-għan u l-kontenut tal-att li fir-rigward tiegħu qed tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawn il-miri jew wieħed minn dawn il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv ewlieni tal-Att huwa relatat mal-kooperazzjoni mal-Ażerbajġan skont il-Ftehim u l-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta.

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, il-Ġermanja vs. Il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

² ĠU L 77 15.3.2014.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna, ĠU L 77, 15.3.2014.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika għal din id-Deċiżjoni hija l-Artikolu 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI

Peress li l-Att tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni se jemenda l-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija, jenħtieġ li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ladarba jiġi adottat.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Koperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) kien ġie ffirmat fit-22 ta' April 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.
- (2) Skont l-Artikolu 81 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni, stabbilit mill-Ftehim, jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim.
- (3) Il-laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ażerbajġan tat-28 ta' Settembru 2018 adottat il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan għall-2018-2020.
- (4) Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jenħtieġ li jadotta r-Rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni għall-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan sal-2027 permezz ta' proċedura bil-miktub.
- (5) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni dwar l-estensjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni biex jiġi estiż il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan sal-2027 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea u lill-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President